IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.9.2024
COM(2024) 412 final

2024/0229 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn parti waħda, u l-Kolombja, il-Perù, u l-Ekwador mill-parti l-oħra, fir-rigward ta' modifiki għall-Appendiċijiet 2, 2A u 5 tal-Anness II tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja, il-Perù, u l-Ekwador min-naħa l-oħra

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador min-naħa l-oħra ("il-Ftehim")[1] b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ tal-Ftehim ("il-Kumitat għall-Kummerċ").

Id-Deċiżjoni se taġġorna l-lista ta' ħidma jew ipproċessar tas-Sistema Armonizzata tal-2022 li jeħtieġ li jsiru fuq materjali mhux oriġinarji sabiex il-prodott manifatturat jikseb status oriġinarju ("regoli speċifiċi għall-prodott") u l-addendum ta' din il-lista, li jinsabu rispettivament fl-Appendiċi 2 "Lista ta' ħidma jew ipproċessar li jeħtieġ li jsiru fuq materjali mhux oriġinarji sabiex il-prodott manifatturat ikun jista' jikseb status oriġinarju" ("Appendiċi 2"), l-Appendiċi 2A "Addendum għal-lista ta' ħidma jew ipproċessar li jeħtieġ li jsiru fuq materjali mhux oriġinarji sabiex il-prodott manifatturat ikun jista' jikseb status oriġinarju" ("Appendiċi 2") A") u l-Appendiċi 5 "Prodotti li għalihom japplika s-subparagrafu (b) tad-Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-Artikolu 5 fir-rigward ta' prodotti oriġinarji mill-Kolombja, mill-Perù u mill-Ekwador" ("Appendiċi 5") tal-Anness II tal-Ftehim, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva ("Anness II").

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim

Il-Ftehim għandu l-għan li jżid il-kummerċ bilaterali bejn l-UE u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador u ilu jiġi applikat b'mod proviżorju mal-Perù mill-1 ta' Marzu 2013, mal-Kolombja mill-1 ta' Awwissu 2013 u mal-Ekwador mill-1 ta' Jannar 2017.

2.2. Il-Kumitat għall-Kummerċ

Il-Kumitat għall-Kummerċ jista', fl-avvanz tal-kisba tal-objettivi tal-Ftehim, jagħmel modifiki għar-regoli tal-oriġini speċifiċi stabbiliti fl-Anness II tal-Ftehim. Kwalunkwe deċiżjoni li jadotta għandha tkun b'kunsens tar-rappreżentanti tal-UE u tal-pajjiżi Andini firmatarji (il-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador). Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 68(2)(e) tal-Ftehim, is-Sottokumitat dwar id-Dwana, il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Oriġini, li kkonkluda ħidma preparatorja, jippreżenta lill-Kumitat għall-Kummerċ proposti għal modifiki tal-Anness II. F'konformità mal-Artikolu 13, is-subparagrafu 2(g)(iii) tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jimmodifika r-regoli tal-oriġini speċifiċi stabbiliti fl-Anness II.

2.3. L-att previst tal-Kumitat għall-Kummerċ

Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jadotta att wieħed:

Fl-1 ta' Jannar tal-2022, saru emendi fin-Nomenklatura rregolata mill-Konvenzjoni dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija ("SA")[2].

[1] Il-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kolombja, il-Perù u
l-Ekwador, min-naħa l-oħra (ĠU L 354, 21.12.2012, p. 3).

[2] L-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, "Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti", 1983.

Il-Partijiet għall-Ftehim qablu li sabiex l-aġġustamenti tas-SA 2022 jiġu riflessi, huwa meħtieġ li:

– jaġġornaw id-deskrizzjoni tal-kapitoli, l-intestaturi jew is-subintestaturi tas-SA u r-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott li jinsabu fl-Appendiċi 2 tal-Anness II

– jaġġustaw l-Appendiċi 2A tal-Anness II fir-rigward tad-deskrizzjoni tal-intestaturi tas-SA

– jaġġustaw l-Appendiċi 5 tal-Anness II fir-rigward tal-kodiċijiet tariffarji fi ħdan il-kwoti annwali għall-prodotti li joriġinaw fil-Perù

L-għan tal-att previst huwa li jemenda l-Appendiċi 2, 2A u 5 tal-Anness II biex jaġġornahom għall-verżjoni tal-2022 tas-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija (SA) fir-rigward tad-deskrizzjoni tal-intestaturi tas-SA u tar-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott, minn naħa waħda, u l-kwoti annwali, min-naħa l-oħra.

Għalhekk, l-Appendiċi 2, in-Nota 2 tal-Appendiċi 2A u l-Appendiċi 5 tal-Anness II tal-Ftehim jenħtieġ li jiġu emendati. Dawk l-emendi ma jwasslux għal bidliet sostantivi fir-regoli tal-oriġini nnegozjati.

L-att previst se jsir vinkolanti fuq il-partijiet f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 14 tal-Ftehim, li jistipula li "d-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat għall-Kummerċ għandhom ikunu vinkolanti fuq il-Partijiet, li għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jimplimentawhom", u f'konformità mal-Artikolu 13, is-subparagrafu 2(g)(iii) ta' dak il-Ftehim, li jipprevedi li l-Kumitat għall-Kummerċ jista' jimmodifika l-Anness II.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Din l-azzjoni proposta tkopri r-regoli speċifiċi għall-prodott koperti fl-Appendiċi 2, 2A u 5 tal-Anness II. Dawn ir-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott ġew aġġornati bid-Deċiżjoni Nru 3/2021 tal-Kumitat għall-Kummerċ tat-3 ta' Diċembru 2021, biex jirriflettu s-SA 2012 u 2017. Issa huma skaduti minħabba d-dħul fis-seħħ tas-SA 2022 fl-1 ta' Jannar 2022. Għaldaqstant, id-disa' Sottokumitat dwar id-Dwana, il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Oriġini tal-Ftehim qabel fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Ottubru 2022 dwar l-aġġornament tal-Appendiċijiet 2, 2A u 5 biex jirriflettu s-SA 2022.

Aġġornament tal-Appendiċi 2

Il-lista tal-ħidma jew l-ipproċessar li jeħtieġ li jsiru fuq materjali mhux oriġinarji sabiex il-prodott manifatturat jkun jista' jikseb l-istatus oriġinarju hija stabbilita fl-Appendiċi 2 tal-Anness II. L-aġġornament tal-Appendiċi 2 ikopri l-bidliet miġjuba mis-SA 2022 fil-kliem ta' ċerti kapitoli, intestaturi jew subintestaturi, korrezzjonijiet ta' żbalji minuri għal żbalji ortografiċi u stili ta' abbozzar skorretti tas-SA, kif ukoll l-adattament ta' ċerti regoli speċifiċi għall-prodott.

Aġġornament tal-Appendiċi 2A

Fl-Appendiċi 2A tal-Anness II, in-Nota 2 jenħtieġ li tiġi aġġustata biex tirrifletti l-bidliet introdotti mis-SA 2022 fid-deskrizzjonijiet ta' ċerti intestaturi elenkati fin-Nota 2.

Aġġornament tal-Appendiċi 5

Ċerti prodotti ta' ħut tal-baħar mill-Perù li jiġu esportati lejn l-Unjoni Ewropea huma soġġetti għal kwoti annwali, li d-dettalji tagħhom huma stabbiliti fl-Appendiċi 5 tal-Anness II. Il-Partijiet għall-Ftehim qablu li sabiex jirriflettu l-aġġustamenti tas-SA 2022, huwa meħtieġ li

jiġu aġġustati l-kodiċijiet ta' ċerti prodotti taħt l-intestaturi 0303, 0307 u 1605 għall-aħħar verżjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-UE u l-kodiċijiet TARIC.

Deċiżjoni unika tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ tikkonċerna l-emendi tal-Appendiċijiet 2, 2A sa 5 tal-Anness II tal-Ftehim Kummerċjali.

L-aġġornament tar-regoli tal-oriġini "speċifiċi għall-prodott", f'konformità mal-aġġornamenti fis-Sistema Armonizzata li jsiru kull 5 snin, huwa l-aħjar prattika tal-Unjoni Ewropea.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*."

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*"[3].

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat għall-Kummerċ huwa korp imwaqqaf permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador, min-naħa l-oħra.

L-att, f'dan il-każ id-Deċiżjoni, li l-Kumitat għall-Kummerċ huwa mitlub jadotta, f'konformità mal-Artikolu 13, is-subparagrafu (2)(g)(iii) tal-Ftehim, jikkostitwixxi att li għandu effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 14(2) tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador, min-naħa l-oħra.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

[3] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-proposta tirrigwarda l-implimentazzjoni ta' ftehim kummerċjali preferenzjali konkluż bħala parti mill-politika kummerċjali komuni, li huwa qasam li fih l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva.

L-objettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni.

Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hi l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi legali tad-deċiżjoni proposta tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi l-att tal-Kumitat għall-Kummerċ se jemenda l-Appendiċijiet 2, 2A u 5 tal-Anness II tal-Ftehim u se jservi l-implimentazzjoni tal-Anness II tal-Ftehim, jixraq li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

2024/0229 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn parti waħda, u l-Kolombja, il-Perù, u l-Ekwador mill-parti l-oħra, fir-rigward ta' modifiki għall-Appendiċijiet 2, 2A u 5 tal-Anness II tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja, il-Perù, u l-Ekwador min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim li jistabbilixxi Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") ġie ffirmat fis-26 ta' Ġunju 2012 mill-Unjoni f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/735/UE fir-rigward tal-Kolombja u l-Perù, u ġie ffirmat fil-11 ta' Novembru 2016 mill-Unjoni f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2369 fir-rigward tal-Ekwador. Skont l-Artikolu 330(3) tal-Ftehim, dan ilu jiġi applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Marzu 2013 bejn l-Unjoni u l-Perù, mill-1 ta' Awwissu 2013 bejn l-Unjoni u l-Kolombja, u mill-1 ta' Jannar 2017 bejn l-Unjoni u l-Ekwador.

(2) Skont l-Artikolu 13, is-subparagrafu 2(g)(iii) tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ tal-Ftehim ("il-Kumitat għall-Kummerċ") jista' jimmodifika d-dispożizzjonijiet tal-Anness II tal-Ftehim, li jikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva. Jenħtieġ li l-Appendiċi 2 "Lista ta' ħidma jew ipproċessar meħtieġ li jsir fuq materjali mhux oriġinarji sabiex il-prodott manifatturat ikun jista' jikseb status oriġinarju", l-Appendiċi 2A "Addendum għal-lista ta' ħidma jew ipproċessar meħtieġ li jsir fuq materjali mhux oriġinarji sabiex il-prodott manifatturat ikun jista' jikseb status oriġinarju" u l-Appendiċi 5 "Prodotti li għalihom japplika s-subparagrafu (b) tad-Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-Artikolu 5 fir-rigward ta' prodotti oriġinarji mill-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador" tal-Anness II bħalissa huma bbażati fuq il-verżjonijiet tal-2012 u tal-2017 tas-Sistema Armonizzata ("SA").

(3) Il-Kumitat għall-Kummerċ, bil-miktub, għandu jadotta Deċiżjoni li timmodifika l-Appendiċijiet 2, 2A u 5 tal-Anness II biex jiġi allinjat il-kliem ta' ċerti kapitoli, intestaturi jew subintestaturi u biex jiġu adattati r-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott mal-verżjoni tas-SA tal-2022. Għal raġunijiet ta' ċarezza, filwaqt li jitqies l-għadd ta' emendi li jeħtieġ li jsiru fl-Appendiċijiet, l-Appendiċijiet jenħtieġ li jiġu sostitwiti fl-intier tagħhom.

(4) L-adozzjoni tad-Deċiżjoni mill-Kumitat għall-Kummerċ hija mistennija li sseħħ fir-raba' trimestru tal-2024.

(5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ, peress li d-Deċiżjoni se jkollha effett legali fl-Unjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ għandha tissejjes fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ mehmuż bħala l-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni,

Artikolu 2

Ladarba tiġi adottata, id-Deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ imsemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President